A.L. 63 ta' l-1994

ATT TA' L-1993 DWAR KUNSILLI LOKALI (ATT NRU. XV TA' L-1993)

Regolamenti ta' l-1994 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali (Riżorsi Umani) (Emenda Nru. 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat moghtija bis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 53 u bl-artikolu 72 ta' l-Att l-1993 dwar Kunsilli Lokali, il-Prim Ministru għamel ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu u bidu fis-seħħ. A.L. 158 ta' l-1993.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1994 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali (Riżorsi Umani) (Emenda Nru. 2), u għandhom jinqraw u jinftehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali (Riżorsi Umani), hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fil-15 ta' Marzu, 1994.

Emenda tar-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fit-test Malti tal-paragrafu (7) tar-regolamenti 3 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "sena kalendarja" għandhom jidħlu l-kliem "sena finanzjarja".